*Notamenti*

**MALTOPJA 2222**

*(m/f -M/F)*

## OLOGRAMMA

### KWISTJONI TA' ŻMIEN U SPAZJU.

*(j/taqra)*

Pietru qatt ma kien emmen f'alla, u għalhekk baqa' jħares lejn Kristu ma jridx jemmen lil għajnejh. Dak kollu li kien issopona - dak kollu li kulħadd kien iqis ħrafa - kien minnu.

"Kellek raġun", qallu Kristu. "Kwistjoni ta' żmien u spazju. Einstein l-aktar wieħed li qorob lejna. Fil-ħsieb tal-anqas."

U Pietru ħaseb – ħaseb f'temp ta' ftit sekondi, ikalkula l-implikazzjonijiet ta' dawk il-kliem – tebqa' t'għajn ta' nanosekonda li fiha ġġarfu sekli sħaħ ta' spekulazzjoni fiergħa.

Mistoqsija waħda kien baqa'.

"U allura... wara l-mewt, x'hemm?"

Kristu tbissem waqt li libes l-elmu u għalaq il-bieba tal-magna spazjali. "Għadna ma nafux." *(112)*

Xogħol għadu qed jitlesta.

QR?

PDF

| | | |
|---|---|---|
| **ĦIN** | MASSIMU ........... | MINIMU ............. |
| **PROPS** | ................................................................ | |
| **VIS Á VIS** | LE ☐ | IVA ☐ = .................................... |
| **SILTA** | DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN. | |